MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2012

Rikors Kongunt Numru. 250/2012

**AB**
**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors konguntiv ta' AB u CD;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi ir-rikors konguntiv gie guramentat mir-rikorrenti AB kif ukoll mir-rikorrenti CD;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Mejju, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fit-13 ta’ April, 1996;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-partijet irnexxielhom jippruvaw ir-rekwiziti kollha rikjesti mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta’ Ottubru 2001;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi gie ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet u illi l-manteniment ghall-minuri qieghed jithallas in adempjenza totali mal-obbligi naxxenti mill-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tiddikjara il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------